**STQARRIJA MINISTERJALI MAGĦMULA MILL-ONOR. KONRAD MIZZI FIS-SEDUTA 325 TAS-7 TA' MARZU 2016 DWAR ALLEGAZZJONIJIET TA' PRATTIĊI ABBUŻIVI FIĊ-ĊIMITERJI AMMINISTRATI MILL-GVERN**

Mr Speaker, fis-16 ta' Ottubru li għadda, wara illi f'dan il-Parlament kienu saru allegazzjonijiet ta' prattiċi abbużivi fiċ-ċimiterji amministrati mill-Gvern, il-Gvern, skont l-artiklu 4 tal-Att dwar l-Inkjesti (Kapitlu 273 tal-Liġijiet ta' Malta), mill-ewwel ħatar inkjesta indipendenti biex tistħarreġ dawn l-allegazzjonijiet. Fil-fatt fis-16 ta' Ottubru 2015, l-Imħallef Alberto Magri, inħatar biex imexxi din l-inkjesta. Jien u l-Onor. Christopher Fearne iltqajna miegħu u tajnieh it-*terms of reference* għall-inkjesta.

Fl-istess ħin il-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa ħa passi immedjati u ssospenda lill-*Environmental Health Practitioner* li allegatament kien involut fil-każ u li kien ilu jaħdem fiċ-Ċimiterju għal madwar 11-il sena sakemm kien ġie trasferit għal sezzjoni oħra f'April li għadda. Jiġifieri aħna bħala Gvern mill-ewwel ħadna l-passi kif l-Onor. Claudette Buttigieg għamlet allegazzjonijiet issospendejna l-persuna konċernata sakemm issir l-inkjesta. Id-Direttur responsabbli, li allegatament ġie informat bl-allegati abbużi u allegatament, skont kif qalet l-Onor. Buttigieg, ma ħax azzjoni, wkoll ġie sospiż waqt li kienet għaddejja l-investigazzjoni. Il-Pulizija ġew ukoll informati bl-allegazzjonijiet.

Il-Bord tal-Inkjesta maħtur skont il-liġi kien inkarigat sabiex jistabbilixxi jekk:

1. Tħaffrux oqbra mingħajr l-awtorità u l-permessi meħtieġa jew minn persuni li ma kenux awtorizzati biex iħaffruhom;
2. Sarux trasferimenti irregolari tal-oqbra;
3. Intalbux ħlasijiet illi mhux suppost intalbu għal servizzi, inklużi servizzi ta' tindif tal-oqbra;
4. Kienx hemm irregolaritajiet jew nuqqasijiet serji fit-tmexxija li wasslu biex il-pubbliku ma jingħatax servizz kif mistħoqq.

Għaldaqstant aħna tlabna lill-eks Imħallef Magri, persuna rispettata u appuntata minn Gvern preċedenti li jinvestiga dawn l-affarijiet kollha u l-allegazzjonijiet li kienet għamlet l-Onorevoli kollega. Oriġinarjament l-inkjesta kienet mitluba tinvestiga l-prattiċi fiċ-ċimiterju f'dawn l-aħħar ħames snin. Però, fuq talba tal-Onorevoli Imħallef Magri nnifsu fil-25 ta' Novembru 2015, il-perijodu kopert mill-inkjesta ġie estiż sa 15-il sena. Jiġifieri t-talba oriġinali, it-*terms of reference* kienet għal ħames snin u l-Imħallef Magri qalilna li *we have to look further back* u ħarsu lejn 15-il sena, u hekk għamilna.

L-Onor. Imħallef Alberto Magri żamm disa' seduti kif ukoll żamm aċċess fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata. Fit-22 ta' Jannar 2016 saret sejħa lill-pubbliku biex min seta' ħassu aggravat fuq materja ta' ċimiterji, seta' jikteb lis-segretarja tal-Bord tal-Inkjesti u joffri x-xhieda tiegħu. Jiġifieri mhux biss l-eks Imħallef għamel il-mistoqsijiet tiegħu u għamel aċċess fuq iċ-ċimiterju imma mar pass *oltre* u għamel avviż fuq il-gazzetta. B'kollox waqt il-ġbir tal-provi, nstemgħu 40 xhud. Ġew indikati diversi oqbra fejn ġie allegat li seta' kien hemm ksur ta' xi regolamenti. L-inkjesta eżaminat l-evidenza fuq kull wieħed minn dawn il-każijiet. Ta' min isemmi illi dawn il-każijiet kollha kellhom il-bidu tagħhom numru ta' snin ilu. Jiġifieri din ma kenitx xi ħaġa li saret taħt dan il-Gvern imma prattikament saru taħt il-Gvernijiet ta' qabel.

Riżultati tal-Inkjesta:

**Dwar l-ewwel punt**, ċjoè dwar allegat tħaffir ta' oqbra mingħajr awtorità, l-inkjesta ma rriżultalhiex li tħaffru oqbra mingħajr l-awtorità u l-permessi meħtieġa jew minn persuni li ma kenux awtorizzati biex iħaffruhom matul dawn l-aħħar 15-il sena. Jiġifieri l-ewwel allegazzjoni li saret mill-Onorevoli kollega ġiet rifjutata u ma kellhiex bażi.

**Dwar it-tieni punt**, ċjoè dwar allegat trasferiment irregolari ta' oqbra, ma jirriżultax li saru xi trasferimenti irregolari ta' oqbra. Għall-kuntrarju, dejjem ġew ottenuti l-permessi meħtieġa mill-awtoritajiet sanitarji kif rikjest mil-liġi.

Irriżulta, madankollu, mill-provi li ġew ippreżentati, każ partikolari li seħħ f'Novembru tal-2004, taħt Gvern Nazzjonalista, fejn kien hemm nuqqas amministrattiv min-naħa ta' uffiċjal responsabbli. Jiġifieri dan il-każ seħħ taħt Gvern Nazzjonalista u taħt din l-Amministrazzjoni ma kien hemm l-ebda *wrongdoing*. L-uniku *wrongdoing* li nstab kien wieħed tal-2004 taħt l-Amministrazzjoni Nazzjonalista.

Fil-fatt instab nuqqas amministrattiv dwar il-qabar West-T-N-27, fiċ-ċimiterju tal-Addolorata. Il-każ imur lura għall-1975, meta nxtara dan il-sit bil-konċessjoni li jitħaffer fi żmien sentejn. Fl-2004 meta saret talba għal trasferiment ta' dan l-istess qabar, l-uffiċjal fiċ-ċimiterju ma avżax lis-superjuri tiegħu li fil-fatt dan il-qabar ma kienx għadu tħaffer u li għalhekk kellu jirritorna lura għand il-Gvern jiġifieri kien hemm *shortcoming* minn dak l-aspett. Dan seħħ *again* fl-2004 taħt Gvern Nazzjonalista. Id-Direttur Ġenerali ta' dak iż-żmien, Dr Ray Busuttil, is-CGMO, li ma kellux konoxxenza ta' dawn il-fatti, fl-2004 ta permess għat-trasferiment u ftit wara saret talba għat-tħaffir tal-istess qabar. Dan il-każ se jiġi mistħarreġ aktar fil-fond biex jitqies hemmx lok ta' passi dixxiplinarji. Dan fuq affarijiet li saru fl-2004, għal darb'oħra taħt dan il-Gvern, f'dawn l-aħħar tliet snin, ma seħħ l-ebda każ ta' irregolarità.

Jissemma każ ieħor li seħħ fi Frar tal-2012 li jirrigwarda l-qabar West–Y–AA–1. F'dan il-każ jidher illi l-impjegat is-Sur John Attard Kingswell għan-nom tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, fl-2012, b'mod indirett wassal biex f'dan il-qabar jingħata permess li jindifnu persuni li skont kuntratt tal-1924 ma kellhomx il-jedd li jindifnu fih. Din hija *shortcoming* oħra taħt Gvern Nazzjonalista, dak iż-żmien mis-Sur John Attard Kingswell skont l-inkjesta fi Frar tal-2012.

**Dwar allegat ħlasijiet li mhux suppost li ntalbu**, l-inkjesta sabet li waqt li hemm servizz ta' tindif ta' oqbra mill-ħaddiema tal-Gvern u li dan isir kontra ħlas ta' €13.74, hemm prassi illi kummissjonanti privati joffru dan l-istess servizz, fuq bażi privata, għal ħlas ta' madwar €200. Din tidher li hija prassi li ilha teżisti għal mill-inqas għaxar snin jiġifieri bdiet taħt Gvernijiet Nazzjonalisti. Jiġifieri min irid jista' jitlob lill-Gvern għal tindif ta' oqbra, hemm *waiting list* u ssir *against a fee* ta' €13.74. Min irid jitlob lil xi ħadd privat hemm prassi li ilha tiġi operata għal dawn l-aħħar għaxar snin li persuna jista' jħallas lill-privat biex issir.

L-inkjesta tirrileva każ fejn *supervisor* tad-deffiena talab ħlas ta' €25 għal kaxxa biex jinġarru xi fdalijiet fiha. Fl-istess każ deffiena mhux identifikati mbagħad talbu ħlas ta' €70 għal xogħol ta' tindif, liema xogħol suppost sar mingħajr ħlas addizzjonali wara li kienu tħallsu €13.74 kif indikat mir-regolamenti. Dettalji ta' dan il-każ ġew mgħoddija lill-pulizija.

L-inkjesta ma sabet l-ebda provi li juru nuqqasijiet fir-rigward tad-Direttur tas-Saħħa Ambjentali preżenti. Mela saru ħafna allegazzjonijiet fuq Mr Clive Tonna li kien direttur

imma l-inkjesta kklerjatu *in his entirety*. Jiġifieri aħna abbażi tal-informazzjoni serja li għadditilna l-Onor. Buttigieg mill-ewwel issospendejna kemm lid-direttur kif ukoll lil persuni oħrajn u din il-persuna ġiet *cleared* u għaldaqstant tidħol lura għax-xogħol.

Mr Speaker, jidher ċar illi l-Gvern ħa b'serjetà kbira l-allegazzjonijiet dwar iċ-ċimiterji u aġixxa mill-ewwel. Sfortunatament waqt li l-Bord tal-Inkjesta kien għaddej bil-ħidma tiegħu, sar attentat mill-Oppożizzjoni biex jitfa' dubju fuq il-korrettezza ta' xogħol il-bord. Tant hu hekk illi l-istess bord ħass il-ħtieġa li fil-21 ta' Jannar u taħt il-firma tas-segretarja tal-bord, ħareġ din l-istqarrija. Din hija importanti għax waqt li għaddejja l-inkjesta indipendenti minn imħallef li kien appuntat taħt Gvern Nazzjonalista li għandu l-fiduċja ta' kulħadd, l-Oppożizzjoni kienet ħarġet b'ċerta kritika u l-eks Imħallef ħareġ din l-istqarrija f'nofs l-inkjesta fil-21 ta' Jannar.

L-istqarrija tgħid hekk:

> "B'referenza għal xi stqarrijiet pubbliċi li saru reċentement dwar Inkjesta mmexxija mill-Imħallef Emeritu Dr Alberto Magri taħt l-Att dwar l-Inkjesti, dwar allegati nuqqasijiet fiċ-Ċimiterju ta' Santa Maria Addolorata kif ukoll ċimiterji oħrajn tal-Gvern ta' Malta, l-istess Imħallef Magri jixtieq jiddikjara li ħadd ma ostakolah b'xi mod fil-qadi ta' dmirijietu."

Jiġifieri l-Imħallef ħares bl-aktar mod ċar u qal: *Nobody hindered me from my work* biex nagħmel l-inkjesta kif suppost.

> "Waqt li l-istess Imħallef Magri jifhem li din hija materja ta' kontroversja attwali, jappella għall-kawtela sabiex l-Inkjesta tkun tista' ttemm id-doveri tagħha b'serenità."

Mhux sewwa illi wara li l-Oppożizzjoni tkun għamlet għagħa sħiħa fuq allegazzjonijiet, li fuq kollox ilhom ġejjin numru ta' snin meta l-istess Oppożizzjoni tal-lum dakinhar kienet fil-gvern, tkun l-istess Oppożizzjoni li mbagħad tipprova titfa' dell fuq il-proċess biex dawn l-allegazzjonijiet jiġu mistħarrġa.

Mr Speaker, minkejja illi minn din l-inkjesta jirriżulta illi numru ta' allegazzjonijiet li għamlet l-Oppożizzjoni huma infondati, il-Gvern xorta mhux sodisfatt bis-sitwazzjoni fl-Addolorata.

Nirrikonoxxu li hemm bżonn kbir ta' restawr, irranġar u manutenzjoni f'dan il-post uniku u sagru. Nagħrfu wkoll il-ħtieġa ta' espansjoni fiċ-ċimiterju sabiex tintlaqa' t-talba ta' numru ta' nies għal aktar oqbra. Li hu żgur hu li m'aħniex se nidħku bin-nies. Qabel l-aħħar elezzjoni tal-2013, Mr Speaker, bil-permessi tal-MEPA skaduti, il-Gvern Nazzjonalista kien ħareġ sejħa biex ikun hemm għadd ta' konvenji għal xiri ta' oqbra. Dawn saru avolja ma kienx hemm il-permessi neċessarji.

Fil-fatt fl-2013, saru 369 konvenju. Dawn il-konvenji la kienu rreġistrati mal-Lands u lanqas tħallas il-boll fuqhom. Jiġifieri taħt il-Gvern ta' qabel, biex inkunu ċari, il-Gvern ta' qabel kien jiffirma konvenji qabel l-elezzjoni, ma jirreġistrahomx u lanqas iħallas boll. Dan huwa l-Gvern Nazzjonalista! Din hija xi ħaġa serja ħafna. B'mod irregolari għall-aħħar dawn il-konvenji lanqas biss saru quddiem nutar jew avukat. Min-naħa tagħna, nista' nserraħ ras kull min hu involut illi d-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali qiegħed jirregolarizza u se jonora dawn il-konvenji kollha. Fil-fatt dawn il-konvenji qed jiġu reġistrati mal-*extension* tagħhom jiġifieri dawn ingħataw *extension* għax għadhom ma nbdewx u qed jiġu reġistrati. Bħalissa

għaddej proċess biex kull konvenju li sar fl-2013 qed jiġi reġistrat u kull konvenju, jekk il-partijiet ikunu għadhom interessati, qed jiġġedded u se jkun onorat. Dan għaliex se nibnu aktar oqbra u se nħabbru aktar affarijiet dwar dan fix-xhur li ġejjin.

Wara li s-sena l-oħra sar xogħol ta' ddisinjar fuq sit tal-estensjoni, fl-aħħar jiem ħareġ il-permess tal-MEPA biex tkun tista' ssir din l-estensjoni taċ-ċimiterju tal-Addolorata. Jiġifieri l-permess tal-MEPA ħareġ issa taħt dan il-Gvern biex nagħmlu l-*extension*. Ftehemna wkoll mal-MEPA fuq il-*method statement* biex nikklerjaw is-sit fejn kien hemm ċertu *contaminated material*. Is-sit tal-estensjoni tinsab fil-parti magħrufa bħala Tal-Ħorr. Id-disinn tal-estensjoni l-ġdida se jsir biex jikkomplimenta d-disinn oriġinali tal-Perit Galizia. Fil-ġimgħat li ġejjin se toħroġ sejħa għall-interess dwar dan il-proġett. Il-proġett ta' estensjoni se jinkludi wkoll tisbiħ u titjib fil-post kif ukoll restawr u manutenzjoni f'partijiet oħra tal-Addolorata. Din l-estensjoni se twassal biex mhux naqdu biss il-wegħdiet li saru taħt il-Gvern Nazzjonalista f'dawn it-369 qabar iżda se jkollna spazju biex ikollna 2,800 qabar ġdid.

Mr Speaker, bħal f'ħafna oqsma oħra, anke fiċ-ċimiterji dan il-gvern qiegħed ikun proattiv. Biex dak li ma sarx f'għexieren ta' snin, issa jsir fi żmien qasir għall-benefiċċju tal-poplu Malti.

Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-Onor. Chris Fearne għax-xogħol li għamel dwar dan kollu u tajjeb li ngħid li fil-ġimgħat li ġejjin se nkunu qed inħabbru wkoll *public private partnership* fuq din l-inizjattiva.

Nirringrazzjak.